MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru. 8/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**John Vella ta' 44 sena bin Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled ix-Xaghra nhar it-22 ta' Jannar 1968 residenti fil-fond 106, Triq Santa Duminka, Vittoria, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita' numru 3468(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Vella li gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Gunju 2006 fl-inhawi ta' Triq Putirjal, u Pjazza San Frangisk, Vittorja, Ghawdex:

a. Insulenta, hedded u fizikament agredixxa lis-Surgent 187 Mario Cassar, persuna inkarigata skond il-ligi minn

servizz pubbliku u dana bil-hsieb li jbezzghu u jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

b. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent 187 Mario Cassar, waqt li dan kien qieghed fuq il-qadi ta' dmirijietu bil-hsieb li jipprova ibezzghu u jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu;

c. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra s-surgent 187 Mario Cassar (kwerelant), persuna inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li l-istess kwerelant kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

d. Volontarjament hassar u ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, liema hsara tammonta ghal inqas minn hamsin liri maltin (Lm50) u liema hsara saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

e. Volontarjament hassar u ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor liema hsara tammonta hal izjed minn hamsin liri Maltin (Lm50), izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u liema hsara saret ghad-dannu tas-surgent 187 Mario Cassar;

f. Injora ordnijiet legittimi moghtija lilu;

g. Kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied jew b'mod iehor bi ksur ta'l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fl-10 ta' Ottubru 2008;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-incident mertu ta’ dina l-kawza nqala’ bejn il-parti leza s-surgent 187 u certu Stephen Mamo li qatt ma xehed f’dawn il-proceduri. Jidher illi filwaqt li s-surgent kien fil-qadi ta’ dmirijietu fil-jum tal-incident kien innota xi nies rekbin iz-zwiemel gewwa Triq Putirjal fir-Rabat u waqqafhom. Minn hawn jidher illi qam argument bejnu u bejn dan Stephen Mamo li kien jinsab f’dak il-mument gewwa hanut tal-kafe’ bl-isem Café Café. Dan beda jghajjat mas-surgent u jinsulentah. Is-surgent li f’dak il-hin kien riekeb il-mutur tieghu saq ftit ’il fuq lejn Pjazza San Frangisk, nizel mill-mutur u beda jcempel lill-pulizija sabiex jassistuh. Hawn Mamo aggredieh, qaleb il-mutur fl-art, xejjirlu daqqa, tajjarlu t-telefon cellulari minn idejh u n-nuccali tal-vista. Minn hawn ’il quddiem jidher illi intervjena l-imputat. Ma hemmx qbil madanakollu dwar x’sehem kellu l-imputat f’din it-taqtiegha, ghaliex filwaqt illi s-surgent Cassar jinsisti illi l-imputat ma halliehx ikompli fil-qadi ta’ dmirijietu u beda jimpedieh milli jkompli bl-arrest ta’ Mamo, l-imputat minn naha tieghu jichad dana kollu u jinsisti illi f’dina l-glieda huwa kien biss spettatur.

Illi s-surgent 187 jallega illi l-imputat beda jimbuttah lura bi spalltu sabiex izommu milli jersaq lejn Mamo u jsostni illi f’xi hin meta l-imputat kien vicin tieghu xi hadd imbuttah u hu waqa’ mal-art. Izda fl-ebda hin ma jghid illi kien l-imputat li mbuttah fl-art. Ikompli jghid illi huwa rega nizel lejn il-hanut Café’ Café’ fejn kienet faqqghet dina l-glieda u f’dana l-hin Mamo gie jigri warajh, izda l-imputat zammu milli jersaq lejh. Illi mix-xhieda tas-surgent Cassar ghalhekk ma jirrizulta minn imkien illi l-imputat f’xi hin hebb ghalih, heddu jew insulentah. L-ilment tieghu huwa illi l-imputat intervjena bejnu u bejn Mamo u ma halliex ikompli fil-qadi ta’ dmirijietu. Fl-ebda hin lanqas ma jikkontendi illi kien l-imputat li kkaguna xi hsara fuq il-mutur tieghu jew f’xi oggetti ohra appartenenti lilu. Jidher anzi li jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni tas-surgent jidher illi Vella kien qed jipprova jzomm lil Mamo milli jersaq lejn l-istess surgent u lis-surgent milli jersaq lejn Mamo. Illi l-uniku xhud okulari ghal dan l-incident, certu Anthony Buttigieg, li kien reticenti hafna biex jaghti x-

xhieda tieghu, jikkontendi illi l-glieda kienet bejn Mamo u s-surgent u li lil Vella u cioe' lill-imputat ma rah jaghmel xejn.

Illi mill-kumplament il-Qorti tistqarr illi l-provi migjuba kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-parte civile huma fjakki hafna u certament ma jilhqux il-grad ta' prova rikjesta fil-kamp penali. Il-parte civile tikkontendi illi l-imputat kien komplici ma' Mamo fl-attakk li sar fil-konfront tas-surgent Cassar, izda lanqas dana ma jista' jinghad li gie ippruvat. Illi qabel xejn irid jinghad illi l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju fl-ebda hin ma jindika illi tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputat ai termini tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Kwindi dina l-Qorti hija prekluza sabiex tezamina l-provi fid-dawl ta' dana d-dispost tal-ligi. Fi kwalunkwe kaz ma hemmx l-icken prova fl-atti li tindika illi dana seta kien kaz ta' komplicita fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom l-imputat jinsab akkuzat. Illi kif gie deciz f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-24 ta' Mejju 2002 fil-kawza Il-Pulizija vs Carmelo Agius et.: "Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghal komplicita f'dak id-delitt <u>kemm il-darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt</u>." (sottolinjar tal-Qorti). Illi minghajr l-icken dubbju dana 'l hekk imsejjah *common design* ma giex ippruvat u kwindi l-Qorti qatt ma tista' tasal sabiex issib lill-imputat hati ta' xi komplicita'.

Illi fir-rigward tal-akkuzi dwar il-hsara volontarja, fl-ewwel lok ma ngiebet l-ebda prova la mill-prosekuzzjoni u wisq anqas mill-parti leza dwar f'hiex kienu jikkonsistu dawn id-danni. Fix-xhieda tieghu l-parti leza jindika illi kellu xi hsara fil-mutur, fin-nuccali u f'xi telefon cellulari, izda mkien ma jissostanzja dan la billi jindika ezattament x'kienu dawn il-hsarat u lanqas bil-produzzjoni ta' xi ricevuti jew stimi li jindikaw l-ammont tal-hsara. Inoltre mix-xhieda tieghu jidher illi kien Stephen Mamo li seta'

ghamillu dina l-hsara u mhux l-imputat. Kwindi lanqas dawn l-akkuzi ma gew ippruvati sodisfacentement.

Illi finalment dwar l-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali ma jirrizultax car mill-provi x'ordni gie moghti l-imputat mis-surgent 187 u li naqas milli jobdi. Lanqas ma jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-imputat kien involut f'dina l-glieda b'tali mod illi jista' jinsab hati ta' xi ksur tal-bon ordni.

Illi ghaldaqstant il-provi fl-atti qatt ma jistghu jwasslu ghal kundanna fil-konfront tal-imputat ghall-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu u dana billi l-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali ma giex milhuq.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------